

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġju) fil-5 ta' Lulju  
2016 – Openbaar Ministerie vs Dawid Piotrowski

(Kawża C-367/16)

(2016/C 335/54)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van beroep te Brussel

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Openbaar Ministerie

Konvenut: Dawid Piotrowski

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] dwar il-mandat ta' arrest Ewropew <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat biss fis-sens li tista' tiġi awtorizzata l-konsenja ta' persuni kkunsidrati li laħqu l-età maġġuri taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tippermetti wkoll lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jawtorizza l-konsenja ta' minuri li, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali, jistgħu jinżammu kriminalment responsabbli minn età speċifika (u kemm jekk ċerti kundizzjonijiet ġew osservati jew le)?
- 2) Fil-każ li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas ma jipprojbixx il-konsenja ta' minuri, din id-dispożizzjoni għandha għaldaqstant tiġi interpretata:
  - a) fis-sens li l-eżistenza fid-dritt nazzjonali, ta' possibbiltà (teoretika) li tissanzjona kriminalment il-minuri minn età speċifika hija kriterju suffiċjenti sabiex tiġi awtorizzata l-konsenja (fi kliem ieħor, hija biżżejjed evalwazzjoni *in abstracto* abbażi tal-kriterju tal-età li minnha persuna tista' tinżamm kriminalment responsabbli, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni kundizzjonijiet supplimentari oħra possibbli)? jew
  - b) fis-sens li la l-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas u lanqas l-Artikolu 3(3) ta' din id-deċiżjoni qafas ma jipprekludi lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni milli jagħmel evalwazzjoni *in concreto*, fuq il-bażi ta' każ b'każ, li taf tirrikjedi li fir-rigward tal-persuna rikjesta għall-konsenja, l-osservanza tal-istess kundizzjonijiet ta' responsabbiltà kriminali bħal dawk applikabbli għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-età tagħhom fil-mument tal-fatti u n-natura tar-reat kkontestat, kif ukoll interventi ġudizzjarji preċedenti fl-Istat Membru emittenti li wasslu għal miżura ta' natura edukattiva, anki jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jeżistux fl-Istat Membru emittenti?
- 3) Għaldaqstant, jekk l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jagħmel evalwazzjoni *in concreto*, ma jaqbilx, sabiex tiġi evitata l-impunità, li ssir distinzjoni bejn konsenja għall-finijiet tat-tmexxija tal-proċeduri kriminali u konsenja għall-eżekuzzjoni ta' piena?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Volum 6, p. 34).